MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 1374/2010

**De Marco Tanya Joy**
**ID-0060287-(M)**

**vs**

**Timpano Piero**
**ID-34531(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi l-kontendenti kienu jghixu flimkien ghal madwar sena. Fil-fatt kellhom zewg indirizzi separati, imma ghal madwar sitt-(6) xhur ghexu fl-istess post flimkien. Tul dana z-zmien, l-attrici silfet *brevi manu* u / jew ghamlet tajjeb ghal diversi htigijiet finanzjarji tal-konvenut li huwa cittadin Ingliz, izda residenti f'Malta. B'kollox dana l-ammont huwa ta' tlett elef u tlett mitt ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,300.72c) a bazi tal-istqarrija guramentata

hawn mehmuza (Dok.TDM1), apparti mill-imghaxijiet u spejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji, kif jindika d-Dokument hawn anness. Diversi Dokumenti ohra qed jigu mehmuza biex jissostenzjaw dana l-ammont: Dokumenti TJM2, TJM3, TJM4 u TJM5, b'kollox 5. L-attrici sejra taghmel Affidavit ulterjuri u tezebixxi iktar Dokumenti jekk ikun hemm bzonn fil-mori tal-kawza, u ttella' xhieda. Madwar 14-il xahar ilu, il-kontendenti ma baqawx jiffrekwentaw lil xulxin izjed u r-relazzjoni intemmet hemm. Mitlub ihallas diversi drabi dawna l-ammonti mill-attrici u familjari taghha, l-intimat dejjem jghidilhom li hekk se jaghmel, izda dana baqa' sallum ma ghamlux. Ghalhekk l-attrici kellha tistitwixxi dawna l-proceduri.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha, bil-lingwa Ingliza eccepixxa illi, *Whereas while plaintiff retained her separate address, in reality the parties did live together for one year, during which the defendant paid monthly rent of €720 including water and electricity to which plaintiff did not contribute. The claims of plaintiff are unfounded, as will be shown in the hearing, and sums paid by plaintiff were contributions towards the living expenses except items (5) to (8) in plaintiff's affidavit; those claims amount to €321.02c. Therefore, for the rest of the claim, the claim should be dismissed, with costs.*

Ra l-kontro-talba pprezentata mill-konvenut rikonvenjenti, li permezz taghha ddikjara, *Whereas by plaintiff's admission she lived with defendant for one year; whereas defendant paid a total of €8,640 in rent for one year, and plaintiff never paid her share; and rent was €720 monthly. With costs.*

Ra r-risposta tal-attrici rikonvenjenti, li permezz taghha eccepiet illi r-risposta hija nulla billi nkitbet bl-Ingliz meta ma kienx hemm awtorizazzjoni ghal dana l-iskop, skont il-procedura legali. Illi, ghaldaqstant, l-intimat waqa' kontumaci u l-kawza ghandha tigi deciza a bazi tat-talbiet attrici. Illi, minghajr pregudizzju, il-kawza hija wkoll nulla *ratione valorem* (ammont jeccedi €3,500). Illi fil-mertu l-fatti indikati mill-intimat huma ghal kollox infondati. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2010, li permezz tieghu gie ordnat illi l-proceduri jitmexxew bil-lingwa Ingliza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2010, fejn gie specifikat ulterjorment illi ghalkemm il-proceduri ghandhom jitmexxew bil-lingwa Ingliza, il-verbali tas-seduti ghandhom isiru bil-lingwa Maltija.
Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-attrici rikonvenuta.

Ra n-nota tal-konvenut datata 6 ta’ Marzu, 2012, li permezz taghha l-istess konvenut rikonvenjenti rriduca l-kontro-talba ghall-ammont ta’ tliet elef erba’ mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c).

Ra s-sentenza preliminari li nghatat minn dan it-Tribunal fl-20 ta’ April, 2012 dwar l-eccezzjonijiet numru wiehed-(1) sa tlieta-(3) tar-risposta tal-attrici rikonvenuta ghat-talba rikonvenjenti tal-konvenut rikonvenjenti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Lulju, 2012 li permezz tieghu l-konvenut rikonvenjenti ddikjara illi l-kontro-talba tittratta dwar il-perjodu bejn l-1 ta’ Lulju, 2008 sal-1 ta’ Awissu, 2009.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici ddikjarat illi hi kienet hbieb mal-konvenut, u din il-hbiberija maz-zmien inbidlet f’relazzjoni. Illi tali relazzjoni bdiet ghall-habta ta’ Gunju, 2008. Illi f’dan iz-zmien l-attrici kienet impjegata, izda f’Settembru, 2008 hi tiflet l-impieg u sfat dizokkupata. Illi f’dan l-istess zmien, il-konvenut – li kien jikri appartament – talab lill-attrici sabiex tibda tghix mieghu. Hi inizjalment irrifjutat peress illi ma kienitx finanzjarjament indipendenti, izda fuq insistenza tal-konvenut, hi bdiet tghix mieghu. Iddikjarat illi l-konvenut insista maghha illi ma kienitx problema ghalih li hi ma kellhix dhul u li ghalhekk ma setghetx tikkontribwixxi lejn l-ispejjez ta’ kuljum, ghaliex hu rieda tghix mieghu

ghaliex kien ihobbha. Dan kien ghall-perjodu bejn Settembru, 2008 sa Jannar, 2009.

Illi b'effett minn Jannar, 2009 l-attrici ma komplietx tghix mal-konvenut ghaliex inqalghu xi differenzi bejn il-partijiet, u ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejniethom kompliet ghaddejja sa Gunju, 2009, madanakollu, l-attrici ma regghetx marret tghix mal-konvenut.
Illi l-attrici ddikjarat illi hi selfet xi flus lill-konvenut f'diversi okkazjonijiet tul iz-zmien meta huma kienu f'relazzjoni flimkien, u dan fl-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500c) fil-31 ta' Lulju, 2008, sitt mitt ewro (€600) fis-26 ta' Settembru, 2008, sitt mija u tmenin ewro (€680) fis-27 ta' Ottubru, 2008, mitejn ewro (€200) fil-31 ta' Ottubru, 2008, liema hlasijiet saru permezz ta' trasferimenti bankarji, u dan kif jirrizulta mir-rendikont li jinsab a fol.83 sa 85 tal-atti; illi oltre dawn l-ammonti, l-attrici tiddikjara li hallset ukoll l-ammont ta' disgha u sittin ewro u hamsa u sittin centezmu (€69.95c), mitejn erbgha u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€224.20c), tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29c) u tliet ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3.58c), u dan lil varji kredituri tal-konvenut, u kif rizultanti mill-affidavit tal-attrici a fol.2 tal-atti u d-dokumenti mehmuza mieghu.

Illi l-attrici f'diversi okkazjonijiet talbet lill-konvenut sabiex irodd lura dawn il-flus, u ghalkemm radd lura elf ewro minnhom (€1,000) permezz ta' pagament li wettaq fit-8 ta' Ottubru, 2008 permezz ta' *internet banking*, l-attrici regghet ghaddiet dan l-ammont lura lill-konvenut l-ghada, 9 ta' Ottubru, 2008, permezz ta' trasferiment bankarju wkoll. Illi tul dan iz-zmien kollu, il-konvenut ghamel xi zmien qasir mhux impjegat, izda imbaghad rega' sab impieg gdid.

Illi l-attrici ddikjarat illi l-konvenut rega' talab self ulterjuri minghand l-istess attrici, izda ma kellhix il-mezzi finanzjarji sabiex taghtih dan l-ammont, u ghalhekk avvicinat lil missierha, sabiex possibilment isellifhomlu hu. Illi missier l-attrici xehed illi hu kien iltaqa' mal-konvenut, u li kienu tkellmu dwar il-htiega li kellu l-konvenut li jissellef xi flus sabiex jixtri computer, u ghalkemm missier l-attrici ma

kienx dispost li jsellfu dawn il-flus, gharrfu li kien dispost li jghinu jottjeni self minghand Bank, u li anke kien dispost li joqghod garanti; madanakollu, wara li ghamel xi stharrig mal-Bank irrizulta illi l-Bank ma kienx dispost li jaghti self lill-konvenut. Illi missier l-attrici kkonfronta lill-konvenut dwar is-self ta' flus li bintu kienet 'gia sellfitu, u liema self kien ghadu ma thallasx lura, u l-konvenut accertah illi kien ser irodd lura dawn il-flus hekk kif il-progett li kellu ghaddej, jaqbad u jirnexxi.

Ikkunsidra,

Illi permezz tar-risposta tieghu, il-konvenut iddikjara illi qed jikkontesta parti mill-allegat kreditu dovut lill-attrici, filwaqt li parti ohra mhux kontestat, u dan fl-ammont kumplessiv ta' tliet mija u wiehed u ghoxrin ewro u zewg centezmi (€321.02c). Illi l-kumplament tal-ammont huwa kkontestat. Illi l-konvenut anke ppropona kontro-talba, u dan ghall-ammont ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), liema ammont jirraprezenta s-sehem tal-attrici rikonvenuta, u cioe' n-nofs, tal-kera li hu jidher illi hallas fil-perjodu meta l-attrici rikonvenuta kienet qeghda tghix mieghu, u dan ghall-perjodu bejn Lulju, 2008 sa Awissu, 2009 bir-rata ta' seba' mija u ghoxrin ewro (€720) fix-xahar, u dan kif jirrizulta mill-atti pprezentati mill-konvenut u dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2012. Illi mill-kumplament il-konvenut ma ressaq ebda provi, la sabiex jikkuntrarja u jxejjen it-talba tal-attrici, u lanqas sabiex jissostanzja it-talba rikonvenzjonali tieghu.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu quddiemu biss dawk il-provi li ressqet l-attrici in rigward it-talba taghha, filwaqt illi f'dak li jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjenti, hi ddikjarat illi l-ftehim bejn il-partijiet meta l-attrici bdiet tghix mal-konvenut kien fis-sens illi ma kienitx ser tkun tenuta li thallas ebda kera, tant illi dak iz-zmien l-attrici lanqas biss kellha impieg. Illi hi effettivament ma ffirmat ebda ftehim dwar il-hlas tal-kera la mal-konvenut u lanqas ma' sid il-fond.

Illi ghalkemm l-attrici kkonfermat illi hi ghamlet perjodu tghix mal-konvenut, madanakollu, skond id-deposizzjoni taghha, dan il-perjodu kien iqsar minn dak indikat mill-konvenut, u kien biss ghal ftit xhur bejn Settembru, 2008 sa Jannar, 2009. Illi anzi skond id-deposizzjoni li ta missierha, l-attrici qatt ma telqet mid-dar, izda kienet qeghda biss tqatta' hafna hin mal-konvenut. Illi ghalhekk hija attendibbli l-verzjoni tal-fatti li tat l-attrici illi ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet kontendenti illi l-attrici kienet ser tikkontribwixxi lejn il-hlas tal-kera, u kien biss wara li l-attrici pproponiet din l-azzjoni illi deherlu li jkun opportun illi jitlob rizarciment ta' nofs il-kera li kien hallas fiz-zmien meta l-attrici ghexet mieghu. Illi f'dan ir-rigward jidher illi qatt qabel ma giet proposta l-kontro-talba ma kien hemm xi sejha mill-konvenut lill-attrici sabiex thallas is-sehem taghha mill-kera, u fin-nuqqas ta' provi sabiex jistonzjaw l-allegazzjoni tal-konvenut rikonvenjenti illi seta' kien hemm xi ftehim f'dan is-sens, it-Tribunal ser jistrieh fuq il-verzjoni tal-fatti kif spjegati mill-attrici.

Illi l-istess japplika f'dak li jirrigwarda t-talba tal-attrici, u dan tenut kont tal-fatt illi *ex admissis* u kif jirrizulta mir-risposta tal-konvenut, l-attrici kienet wettqet xi hlas ghan-nom tal-konvenut ghal xi servizzi ntestati lilu u debiti dovuti minnu, tant illi accetta illi parti mill-ammont indikat fit-talba tal-attrici, huwa dovut. Illi fir-rigward tal-kumplament tal-ammont li l-attrici qed titlob il-hlas tieghu, dan gie sostanzjat bir-rendikont rilaxxat minn HSBC Bank Malta plc, minn fejn jirrizulta kjarament illi l-kont huwa intestat lill-attrici u li saru diversi trasferimenti ghal gewwa kont bankarju ta' terza persuna. Illi ghalkemm m'hemmx wisq x'juri illi dawn it-trasferimenti kienu qed isiru a favur il-konvenut, ghaliex ikun hemm imnizzel biss in-numru tal-kont minghajr ebda identifikazzjoni ulterjuri, madanakollu, f'dak li jirrigwarda t-transazzjoni tas-27 ta' Ottubru, 2008 u dak tal-31 ta' Ottubru, 2008, gie indikat ukoll isem, u cioe' "Piero", li jaghti x'jifhem illi huwa isem il-konvenut.

Illi permezz tar-risposta tieghu, il-konvenut ma cahadx illi effettivament rcieva xi flus minghand l-attrici, izda jikkontendi illi dawn l-ammonti kienu jirraprezentaw il-kontribut tal-istess attrici lejn l-ispejjez tal-ghejxien

taghhom peress illi l-attrici kienet qeghda tghix mieghu. Illi ghalkemm huwa minnu li t-trasferimenti saru bejn wiehed u iehor fiz-zmien meta l-attrici ddikjarat li kienet qedha tghix mal-konvenut, madanakollu, dak sostanzjali ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) sar qabel. Illi dan oltre l-fatt illi jidher illi l-konvenut kellu intenzjoni li jrodd il-flus lura lill-attrici, tant illi fit-8 ta' Ottubru, 2008 hallas lura s-somma ta' elf ewro (€1,000), ghalkemm l-ghada, l-attrici regghet ittrasferit dan l-istess ammont ghal gewwa l-kont tal-konvenut.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici, u li bl-ebda mod ma giet ikkuntrarjata mill-konvenut, hija attendibbli in kwantu hi sostniet illi kienet tat lill-konvenut xi flus *in linea* ta' self sabiex ikun jista' jixtri xi apparat. Illi ma jirrizultax illi dawn l-ammonti gew imhallsa lura, u fid-dawl ta' dak riportat aktar 'l fuq f'din is-sentenza dwar il-kontro-talba tal-konvenut, li din ma hix gustifikata, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tal-attrici filwaqt illi jirrespingi l-kontro-talba proposta mill-konvenut rikonvenjenti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kif ukoll qed jirrespingi l-kontro-talba tieghu, qed jilqa' t-talba tal-attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tliet elef tliet mitt ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,300.72c) bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez, bl-eccezzjoni tas-sentenza preliminari tal-20 ta' April, 2012, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------